CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT- TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

It-Tnejn, 1 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 17.30pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Kunsillier
Joseph Debono- Kunsillier
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-17.40pm.

**01.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

01.1.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmienja u Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

01.1.2 L-aktar Kunsillier anzjani li ppresieda l-mejda, s- Sur Alfred Barbaro Sant staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sur Barbaro Sant flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**01.2 Ħatra ta' Sindku**

01.2.1 Il-Kunsillier, s- Sur Alfred Barbaro Sant qal li minħabba li l-Att dwar il-Gvern Lokali, Seba' Skeda fejn fil-kaz tal- Mdina peress li ma saritx elezzjoni, is- Sindku u l-Viċi Sindku jridu jintgħazlu minn fost il-Kunsilliera. Għaldaqstant is- Sur Barbaro Sant staqsa li kunsilliera jekk kienx hemm xi nominazjonijiet.

01.2.1.2 Is- Sur Barbaro Sant sekondat mis- Sinjura Scerri nnomina lis- Sur Peter Paul Dei Conti Sant Manduca biex ikun Sindku.

01.2.1.3 Is- Sur Peter Paul Dei Conti Sant Manduca aċċetta din il-kariga u ngħata l-ġurament tal-ħatra. Huwa ġie maħtur b'vot unanimu

**01.3 Ħatra ta' Viċi Sindku**

01.3.1 Is- Sindku sekondat mill-Kunsillier Barbaro Sant nnomina lis- Sur Joseph Debono biex ikun Viċi Sindku.

01.3.1. Is- Sur Joseph Debono aċċetta din il-kariga u ngħata l-ġurament tal-ħatra. Huwa ġie maħtur b'vot unanimu

**01.4 Ħatra ta' Kumitati**

01.4.1 Is- Sindku ser ikun responsabbli mil- Indafa, Innovazzjoni, Infrastruttura, Proġetti u Kultura

01.4.2 Il-Viċi Sindku ser ikun responsabbli mill-Ambjent u Anzjani

01.4.3 Kunsilliera Camille Scerri ser tkun responsabbli miz- Zgħazagħ u Tfal u Edukazzjoni

01.4.4 Kunsilliera Mayann Sultana ser tkun responsabbli mill-Komunitajiet, Il-Qasam Soċjali u l-Integrazioni Soċjali.

Kunsillier Alfred Barbaro Sant ser ikun responsabbli mis- Sports u Attivitajiet Fiżiċi kif ukoll il-Ħarsien tal-Annimali.

**01.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-18.30pm u ġiet aġġornata għal 5 ta' Lulju 2019 fit-3pm

IFFIRMATA

____________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA

____________________

Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 05-07-2019________